PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2006/0158(CNS)

25.9.2007

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni qafas tal-Kunsill dwar l-ordni ta' sorveljanza Ewropea fil-proċeduri ta' qabel proċess legali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea
(COM(2006)0468 – C6-0328/2006 – 2006/0158(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Ioannis Varvitsiotis

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

EXPLANATORY STATEMENT.....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni qafas tal-Kunsill dwar l-ordni ta' sorveljanza Ewropea fil-proċeduri ta' qabel proċess legali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (COM(2006)0468 – C6-0328/2006 – 2006/0158(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni (COM(2006)0468),

– wara li kkunsidra Artikoli 31(a) u (c), u 34(2)(b) tat-Trattat ta' l-UE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat ta' l-UE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0328/2006),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 93 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0000/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta tagħha f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2), tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex javżah jekk ikollu l-intenzjoni li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jistieden lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi tal-Parlament
	Emenda 1 Premessa 5
(5) In order to avoid unnecessary costs and difficulties in relation to the transport of the suspect for the purposes of preliminary hearings or the trial, Member States should be allowed to use ***video links***.	(5) Sabiex jiġu evitati spejjeż bla bżonn u difficultajiet f'dak li għandu x'jaqsam mat-trsaport tal-persuna ssuspettata għall-iskopijiet ta' seduti preliminari ta' smigħ jew għall-proċess, l-Istati Membri għandhom jitħallew ***jużaw il-proċedura li***

jipprovdi għaliha l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni dwar Assistenza Reċiproka fi Kwistjonijiet Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea[1].

---

[1]ĠU C 197, 12.7.2000, p.1.

Ġustifikazzjoni

Sabiex ikun żgurat li tintuża proċedura uniformi għall-konferenzi video.

Emenda 2
Artikolu 1, paragrafu 1

This Framework Decision establishes a European supervision order ***and the pre-trial transfer procedures between Member States***.	Din id-Deċizjoni Qafas tistabbilixxi ordni ta' sorveljanza Ewropea.

Ġustifikazzjoni

Hemm il-periklu li l-ħolqien ta' proċeduri ta' trasferiment speċjali qabel il-proċess jikkomplika s-sistema ta' ċediment. Barra minn hekk, hemm riskju li din is-sistema "mħaffa" ma tkunx tista' tiżgura salvagwardji proċedurali xierqa biex jitħarsu d-drittijiet tal-persuna ssuspettata.

Ir-rapporteur qed jipproponi li jintużaw il-proċeduri ta' ċediment tal-mandat ta' arrest Ewropew li diġà qed jintużaw u qed jiksbu aktar fiduċja fost min hu fil-qasam. Madankollu, meta jitqies l-għan ta' din il-proposta, il-proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew għandhom jiġu aġġustati biex jitkoprew ir-reati kollha (mingħajr ma jiġi stabbilit limitu minimu).

Emenda 3
Artikolu 1, paragrafu 2

A European supervision order is a judicial decision issued by a competent authority of a Member State in respect of a non-resident suspect for the purpose of the return of that person to ***his*** Member State of residence under the condition that he complies with supervision measures, in order to ensure the due course of justice and, in particular, to ensure that the person will be available to stand trial in the issuing Member State.	Ordni ta' sorveljanza Ewropew hija deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru fir-rigward ta' persuna ssuspettata li ma tkunx residenti hemm għall-iskop tar-ritorn ta' dik il-persuna fl-Istat Membru fejn ikollu r-residenza ***legalment jew normalment attwali tagħha, jew fi kwalunkwe Stat Membru ieħor, fil-każi meta l-persuna ssuspettata titlob dan u l-Istat Membru kkonċernat ikun ta l-kunsens tiegħu,*** taħt

	il-kundizzjoni li ***tikkonforma*** mal-miżuri ta' sorveljanza, sabiex jiġi żgurat l-andament dovut tal-ġustizzja u, b'mod partikulari, biex jiġi żgurat li l-persuna se jkun disponibbli biex jidher quddiem il-qorti fl-Istat Membru ta' emissjoni.

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn li tiġi ċċarata d-definizzjoni tar-residenza.

Wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva Qafas huwa li jissaħħaħ il-prinċipju ta' libertà u biex persuna li tkun issuspettata li wettqet reat fi Stat Membru barrani titħalla tmur lura lejn pajjiż fejn tkun attwalment toqgħod u fejn il-waqfa tagħha tkun legali. L-Emenda tipproponi li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta u biex tipprovdi possibilità għal persuna biex tkun irritornata lejn pajjiż ieħor apparti l-pajjiż fejn ikollha r-residenza permanenti tagħha, i.e. jista' jkun pajjiż fejn għandha ċ-ċittadinanza.

Emenda 4
Artikolu 3

Artikolu 3	***imħassar***
Obligation to execute the European Supervision Order	
Member States shall execute any European supervision order on the basis of the principle of mutual recognition and in accordance with the provisions of this Framework Decision.	

Ġustifikazzjoni

Dan l-Artikolu jirdoppja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 9.

Emenda 5
Artikolu 4a (ġdid)

	Artikolu 4a
	Spejjeż
	1. L-ispejjeż li jkunu saru fit-territorju ta' Stat Membru ta' eżekuzzjoni meta jiġi eżegwit mandat ta' arrest Ewropew għandhom jitħallsu minn dak l-Istat

	Membru.
	2. L-ispejjeż oħra kollha għandhom jiġu mħallsin mill-Istat Membru ta' emissjoni..

Ġustifikazzjoni

L-obbligi li jiġi eżegwit ordni ta' sorveljanza Ewropea minn Stati Membri għandu jkun akkumpanjat b'miżuri ta' "tqassim ta' spejjeż".

Emenda 6
Artikolu 5, paragrafu 1

1. ***A*** European supervision order ***may be issued by*** the issuing authority ***after having informed*** the suspect of any obligations ***to be*** imposed pursuant to Article 6 and of the consequences, in particular of those set out in Articles 17 and 18.	1. ***Wara li tinħareġ*** ordni ta' superviżjoni Ewropea, l-awtorità ta' emissjoni ***għandha tgħarraf*** lill-persuna ssuspettata dwar kull obbligu impost skond l-Artikolu 6 u dwar il-konsegwenzi, b'mod partikulari dawk stabbiliti fl-Artikoli 17 u 18.

Ġustifikazzjoni

Huwa ċar li d-deċiżjoni biex tinħareġ ordni ta' sorveljanza Ewropew hija ta' natura penali u għalhekk hija kompletament f'idejn l-awtoritajiet kompetenti. Ma jistax jinftiehem għala l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-persuna ssuspettata dwar id-deċiżjonijiet eventwali tagħha. Meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi biex toħroġ l-ordni ta' sorveljanza Ewropea, tiddeċiedi wkoll dwar l-obbligi li se jiġu imposti fuq il-persuna ssuspettata. U d-deċiżjoni titgħarraf wara lill-persuna ssuspettata li, b'konsegwenza, għandha d-dritt li tappella kontra din id-deċiżjoni.

Emenda 7
Artikolu 5, paragrafu 1 a (ġdid)

	1a. Il-persuna ssuspettata għandha titgħarraf b'lingwa li tifhem.

Emenda 8
Artikolu 6, paragrafu 1, subparagrafu 2

Obstructing the course of justice or engaging in criminal activity ***may***	L-ostruzzjoni ta' l-andament tal-ġustizzja jew it-twettiq ta' attività kriminali

constitute a breach of the European supervision order.	***għandhom*** jikkostitwixxu ksur ta' l-ordni ta' sorveljanza Ewropea.

Ġustifikazzjoni

Skond il-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-Kummissjoni, dan l-obbligu m'huwiex wieħed mill-obbligi "fakultattivi". Għalhekk, jekk skond il-liġi nazzjonali l-awtorità kompetenti tistabbilixxi li l-persuna ssuspettata tkun xekklet l-andament tal-ġustizza jew wettqet attivitajiet kriminali, għandu jkun obbligu ta' din l-awtorità kompetenti biex tittratta dan bħala ksur ta' l-ordni ta' sorveljanza Ewropea u tieħu kull azzjoni ulterjuri meħtieġa.

Emenda 9
Artikolu 6, paragrafu 1, subparagrafu 3, punt (c a) ġdid

	(ca) biex tiġi informata l-awtorità ta' eżekuzzjoni dwar kull bidla fil-post ta' residenza tiegħu fl-Istat ta' eżekuzzjoni.

Ġustifikazzjoni

Waħda mill-kundizzjonijiet preliminari biex tinħareġ ordni ta' sorveljanza Ewropea hi li jkun hemm ċertezza li l-persuna ssuspettata jkollha residenza permanenti fi Stat Membru ieħor. Jekk, wara li tinħareġ l-ordni ta' sorveljanza Ewropea, il-persuna ssuspettata tbiddel ir-residenza tagħha, hu ta' l-ogħla importanza li l-awtoritajiet kompetenti jitgħarrfu dwar dan il-fatt.

Emenda 10
Artikolu 6, paragrafu 2, punt (c)

(c) to surrender his passport(s) or other identification papers to the executing authority;	***imħassar***

Ġustifikazzjoni

Dan l-obbligu jikser id-drittijiet bażiċi ta' persuna. L-għan tal-proposta hu li l-persuna ssuspettata titħalla tmur lura fil-pajjiż ta' residenza tagħha u tgħix ħajja normali hemm, waqt li tosserva l-obbligi imposti fuqha. Jekk il-persuna ssuspettata jkollha tirrinunzja għall-passaport tagħha, dan jista' jillimita serjament it-tgawdija kompleta u effettiva tad-drittijiet u l-libertajiet tagħha.

Emenda 11
Artikolu 6, paragrafu 2, punt (g a) (ġdid)

(ga) biex jiġi evitat kuntatt ma' persuni jew oġġetti speċifikati;

Ġustifikazzjoni

F'ċertu sitwazzjonijiet, jista' jkun importanti li l-persuna ssuspettata tiġi obbligata li ma tiltaqax ma' xhieda, vittmi jew persuni ssuspettati oħra sabiex ma jixxekkilx l-andament tal-ġustizzja. Barra minn hekk, f'sitwazzjonijiet fejn persuna tkun issuspettata f'reati relatati ma', pereżempju, armi tan-nar, hu importanti li din il-persuna tiġi obbligata li ma ġġorx jew ma żżomx arma tan-nar.

Emenda 12
Article 6, paragraph 2 a (new)

2a. Kull Stat Membru għandu javża lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, meta jkun qed jittrasponi din id-Deċiżjoni Qafas, dwar l-obbligi, apparti dawk stipulati fil-paragrafi 1 u 2, li hu ppreparat li jissorvelja. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jagħmel l-informazzjoni rċevuta disponibbli lill-Istati Membri kollha u lill-Kummissjoni.

Ġustifikazzjoni

Huwa diffiċli biex tiġi identifikata lista ta' obbligi li jistgħu jkunu komuni għall-Istati Membri kollha. Ir-rekwiżit li jinstab qbil bejn l-Istat ta' emissjoni u l-Istat ta' eżekuzzjoni jista' jikkomplika u jtawwal l-adozzjoni ta' l-ordni ta' sorveljanza Ewropea. Għalhekk, din l-Emenda tipproponi li tingħata possibilità għall-Istati Membri biex javżaw liema obbligi (apparti dawk imsemmija fil-paragrafu 1) huma lest li jissorveljaw. F'dan il-każ l-Istat ta' emissjoni jista' awtomatikament jimponi dawn l-obbligi mingħajr ma jikkuntattja l-Istat ta' eżekuzzjoni.

Emenda 13
Article 6, paragraph 3

3. Any obligations imposed by the issuing authority in accordance with paragraphs 1, 2 and ***3*** of this Article shall be recorded in the European supervision order.	3. Kull obbligu impost mill-awtorità ta' emissjoni bi qbil mal-paragrafi 1, 2 u ***2a*** ta' dan l-Artikolu għandu jiġi rreġistrat fl-ordni ta' sorveljanza Ewropea.

Emenda 14
Article 6, paragraph 4

4. ***In addition to the obligations provided for in the European supervision order,*** *the* executing authority may, in accordance with the law of the executing State, modify the obligations contained in the European supervision order as is strictly necessary for the purpose of executing the European supervision order.	4. ***L***-awtorità ta' eżekuzzjoni tista', skond il-liġi ta' l-Istat ta' eżekuzzjoni, timmodifika l-obbligi inklużi fl-ordni ta' sorveljanza Ewropea għal dak li huwa strettament meħtieġ għall-iskop ta' l-eżekuzzjoni ta' l-ordni ta' sorveljanza Ewropea.

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi ċċarat li l-awtorità ta' eżekuzzjoni ma tistax iżżid xi obbligi ma' dawk li qed jiġu imposti mill-awtorità ta' emissjoni. L-awtorità ta' eżekuzzjoni tista' tagħmel biss tibdil tekniku għall-ordni ta' sorveljanza Ewropea.

Emenda 15
Artikolu 6, paragrafu 4, subparagrafu 1 a (ġdid)

	Il-modifiki msemmija fis-subparagrafu 1 għandhom ikunu ta' natura teknika biss u minnhom infushom m'għandhomx jimponu obbligi ulterjuri fuq il-persuna ssuspettata.

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi ċċarat li l-awtorità ta' eżekuzzjoni ma tistax iżżid xi obbligi ma' dawk li qed jiġu imposti mill-awtorità ta' emissjoni. L-awtorità ta' eżekuzzjoni tista' tagħmel biss tibdil tekniku għall-ordni ta' sorveljanza Ewropea.

Emenda 16
Article 8, paragraph 1 a (new)

	1a. Fuq talba tal-persuna ssuspettata, l-Ordni ta' Sorveljanza Ewropea għandha tinbagħat lil kwalunkwe Stat Membru ieħor li l-awtorità kompetenti tiegħu tagħti l-kunsens tagħha li tintbagħat b'dan il-mod.

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju bażiku tal-proposta hu li l-persuna ssuspettata għandha tingħata l-opportunità li tmur lura fil-pajjiż fejn tkun tgħix normalment. Madankollu, f'sitwazzjonijiet meta l-persuna ssuspettata jkollha rabtiet aktar b'saħħithom ma' kwalunkwe Stat Membru ieħor (i.e. fejn ikollu ċ-ċittadinanza), id-Deċiżjoni Qafas għandha tagħmel mezz li jkollu l-opportunità li jmur hemm. Madankollu, biex jiġi evitat l-abbuż ta' dan, l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħti l-kunsens tiegħu għal dan.

Emenda 17
Article 10, paragraph 1

1. ***A court, a judge, an investigating magistrate or a public prosecutor***, in the requested State shall refuse to recognise and execute a European supervision order if it is clear that criminal proceedings for the offence in respect of which that order has been issued would infringe the *ne bis in idem* principle.	1. ***L-awtorità kompetenti*** fl-Istat mitlub għandha tirrifjuta li tirrikonoxxi u teżegwixxi ordni ta' sorveljanza Ewropea jekk ikun ċar li l-proċedimenti kriminali għar-reat li fir-rigward tiegħu nħarġet l-ordni jiksru l-prinċipju *ne bis in idem.*

Emenda 18
Article 10, paragraph 2

2. ***A court, a judge, an investigating magistrate or a public prosecutor,*** in the requested State may refuse to recognise and execute a European supervision order on one or more of the following grounds:	2. ***L-awtorità kompetenti*** fl-Istat mitlub tista' tirrifjuta li tirrikonoxxi u teżegwixxi ordni ta' sorveljanza Ewropea minħabba waħda jew iktar minn dawn ir-raġunijiet:

Emenda 19
Article 12, paragraph 1

1. ***A court, a judge, an investigating magistrate or a public prosecutor,*** in the requested State shall, as soon as possible and in any case within 5 days of receipt of the European supervision order, decide whether to recognise and execute it or to invoke grounds for non-recognition and non-execution. The competent authority in the requested State shall inform the issuing	1. ***L-awtorità kompetenti*** fl-Istat mitlub għandha, mill-aktar fis possibbli u f'kull każ fi żmien ħamest ijiem minn meta tasal l-ordni ta' sorveljanza Ewropea, tiddeċiedi jekk tirrikonoxxihiex jew teżegwixxihiex jew jekk tinvokax ir-raġunijiet biex ma tirrikonoxxihiex jew ma teżegwixxihiex. L-awtorità kompetenti fl-Istat mitlub għandha tgħarraf lill-awtorità ta' emissjoni dwar dik

authority of that decision by any means capable of producing a written record.	id-deċiżjoni b'kull mezz li kapaċi jipproduċi rekord bil-miktub.

Emenda 20
Article 12, paragraph 3

3. Where the European supervision order is incomplete, the ***court, the judge, the investigating magistrate or the public prosecutor*** in the requested State may postpone its decision on the recognition and execution of the order until it has been completed by the issuing authority.	3. Meta l-ordni ta' sorveljanza Ewropea ma tkunx kompluta, ***l-awtorità kompetenti*** fl-Istat mitlub tista' tipposponi d-deċiżjoni tagħha dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' l-ordni sakemm tkun ġiet kompluta mill-awtorità ta' emissjoni.

Emenda 21
Article 12, paragraph 4

4. If, in accordance with paragraph 3, the recognition and execution of the European supervision order is postponed, the ***court, the judge, the investigating magistrate or the public prosecutor*** in the requested State shall forthwith communicate a report detailing the grounds for postponement directly to the issuing authority by any means capable of producing a written record.	4. Jekk, bi qbil mal-paragrafu 3, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' l-ordni ta' sorveljanza Ewropea jiġi posposti, ***l-awtorità kompetenti*** fl-Istat mitlub għandha minnufih tikkomunika rapport li jagħti d-dettalji dwar ir-raġunijiet għall-posponiment direttament lill-awtorità ta' emissjoni b'kull mezz li kapaċi jipproduċi rekord bil-miktub.

Emenda 22
Article 12, paragraph 4 a (new)

	4a. L-awtorità ta' emissjoni għandha tgħarraf lill-persuna ssuspettata dwar kull posponiment fir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' l-ordni ta' sorveljanza Ewropea.

Ġustifikazzjoni

Il-persuna ssuspettata għandu jkollha d-dritt li titgħarraf dwar kull żvilupp fil-proċediment tagħha.

Emenda 23
Article 13, paragraph 4

4. The suspect shall have the right to be heard by the issuing authority, in accordance with the law of the issuing State. This requirement may be ***satisfied through the use of appropriate video or telephone links with*** the issuing authority ***(hearing by video or telephone conference)***. The issuing authority shall also consult the executing authority on the review of the European supervision order.	4. Il-persuna ssuspettata għandu jkollha d-dritt li tinstema' mill-awtorità ta' emissjoni, bi qbil mal-liġi ta' l-Istat ta' emissjoni. Dan ir-rekwiżit jista' ***jintlaħaq bi qbil mal-proċedura li jipprovdi għaliha l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 bejn l-awtorità ta' eżekuzzjoni u*** l-awtorità ta' emissjoni. L-awtorità ta' emissjoni għandha tikkonsulta wkoll ma' l-awtorità ta' eżekuzzjoni dwar ir-reviżjoni ta' l-ordni ta' sorveljanza Ewropea.

Ġustifikazzjoni

Sabiex ikun żgurat li tintuża proċedura uniformi għall-konferenzi video.

Emenda 24
Article 17, paragraph 4

4. Before the decision under paragraph 1 is taken, the suspect shall have the right to be heard by the issuing authority, in accordance with the law of the issuing State. This requirement may be ***satisfied through the use of appropriate video or telephone links*** between the executing and the issuing authority ***(hearing by video or telephone conference)***. The issuing authority shall also consult the executing authority.	4. 2. Qabel ma tittieħed id-deċiżjoni skond il-paragrafu 1, il-persuna ssuspettata għandu jkollha d-dritt li tinstema' mill-awtorità ta' emissjoni, bi qbil mal-liġi ta' l-Istat ta' emissjoni. Dan ir-rekwiżit jista' ***jintlaħaq bi qbil mal-proċedura li jipprovdi għaliha l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 bejn l-awtorità ta' eżekuzzjoni u*** l-awtorità ta' emissjoni. L-awtorità ta' emissjoni għandha tikkonsulta wkoll ma' l-awtorità ta' eżekuzzjoni.

Ġustifikazzjoni

Sabiex ikun żgurat li tintuża proċedura uniformi għall-konferenzi video.

Emenda 25
Artikolu 18

Conditions for *arrest* and transfer of the suspect	*Arrest* u trasferiment tal-persuna ssuspettata.
1. If the issuing authority decides that the suspect must be arrested and transferred to the issuing State, the suspect shall be heard by a judicial authority of the Member State on whose territory he is arrested.	1. Jekk l-awtorità ta' emissjoni tiddeċiedi li l-persuna ssuspettata trid tiġi arrestata u ttrasferita fl-Istat ta' emissjoni, il-persuna ssuspettata għandha tinstema' minn awtorità ġudizzjali ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi arrestat.
2. ***If the suspect consents to his transfer the Member State on whose territory the suspect is arrested shall forthwith transfer him to the issuing State.***	2. ***Id-deċiżjoni biex jiġu eżegwiti l-arrest u t-trasferiment għandha tittieħed, u t-trasferiment għandu jiġi eżegwit, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri.***
3. ***If the suspect does not consent to his transfer the Member State on whose territory he is arrested shall forthwith transfer him to the issuing State. It may refuse the arrest and transfer only***	3. ***B'applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas, id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri għandha tiġi estiża biex tkopri r-reati kollha.***
- if it is clear that criminal proceedings for the offence in respect of which that order has been issued would meanwhile infringe the ne bis in idem principle;	
- if the suspect is being prosecuted in the executing Member State for the same facts as those on which the European supervision order is based;	
- if the criminal prosecution or punishment of the suspect is statute-barred according to the law of the executing Member State and the acts fall within the jurisdiction of that Member State under its own criminal law;	
- if the decision to arrest and transfer concerns new facts not covered by the European supervision order.	
4. ***A Member State other than the executing State may also refuse to arrest and transfer the suspect on the basis of***	4. ***Il-Kummissjoni Ewropea għandha tressaq proposta ġdida għal Deċiżjoni Qafas dwar l-ordni ta' sorveljanza***

one or more of the grounds set out in Article 10.	***Ewropea fil-proċeduri ta' qabel proċess legali waqt li jitqiesu l-paragrafi 2 u 3 u jekk ikun hemm bżonn għandha tressaq emendi għad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri.***

Ġustifikazzjoni

Hemm ir-riskju li l-ħolqien ta' proċeduri ta' trasferiment speċjali qabel il-proċess jikkomplika s-sistema ta' ċediment. Hemm ukoll riskju li din is-sistema "mħaffa" ma tkunx tista' tiżgura salvagwardji proċedurali xierqa biex jitħarsu d-drittijiet tal-persuna ssuspettata.

Ir-rapporteur qed jipproponi li jintużaw il-proċeduri ta' ċediment tal-mandat ta' arrest Ewropew li diġà qed jintużaw u qed jiksbu aktar fiduċja fost min hu fil-qasam. Il-proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew għandhom jiġu aġġustati biex jitkoprew ir-reati kollha (mingħajr ma jiġi stabbilit limitu minimu). Madankollu, dan l-aġġustament jitlob analiżijiet fil-fond u għalhekk għandu jsir mill-Kummissjoni Ewropea.

Emenda 26
Artikolu 20

Article 20 ***Time limits for transfer***	***imħassar***
1. The suspect shall be transferred to the issuing State pursuant to Article 18 on a date mutually agreed between member States concerned and in any event no later than 3 days following the arrest.	
2. The transfer of a suspect may exceptionally be temporarily postponed for serious humanitarian reasons, for example, if there are reasonable grounds for believing that transfer would manifestly endanger the suspect's life or health. The issuing authority shall immediately be informed of any such postponement and of the reasons thereof. The transfer of the suspect shall take place as soon as these grounds have ceased to exist on a date agreed between the Member States concerned.	

Ġustifikazzjoni

Għandhom ikun regolati mid-dispożizzjonijiet tad-Deiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-mandat ta' arrest Ewropew.

Emenda 27
Artikolu 21

Article 21	***imħassar***
Transit	
1. Each Member State shall permit the transit through its territory of a suspect who is being transferred pursuant to the provisions of this Framework Decision provided that it has been informed of:	
(a) the identity and nationality of the person subject to the European supervision order;	
(b) the existence of a European supervision order;	
(c) the nature and legal classification of the offence;	
(d) the circumstances of the offence, including the date and place.	
2. Each Member State shall designate an authority responsible for receiving transit requests and the necessary documents, as well as any other official correspondence relating to transit requests. Member States shall communicate this designation to the Council.	
3. The transit request and the information provided for in paragraph 1 may be addressed to the authority designated pursuant to paragraph 2 by any means capable of producing a written record. The Member State of transit shall notify its decision by the same procedure.	
4. This Framework Decision does not apply in the case of transport by air without a scheduled stopover. However, if an unscheduled landing occurs, the issuing State shall provide the authority	

designated pursuant to paragraph 2 with the information provided for in paragraph 1.

Justification

Għandhom ikun regolati mid-dispożizzjonijiet tad-Deiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-mandat ta' arrest Ewropew.

Emenda 28
Titolu, taħt l-Artikolu 22, Kapitolu 5 a (ġdid)

KAPITOLU 5 a - PROTEZZJONI TAD-DATA

Ġustifikazzjoni

Id-Deċiżjoni Qafas dwar il-protezzjoni tad-data personali pproċessata fil-kuntest tal-pulizija u l-koperazzjoni ġudizzjarja f'affarijiet kriminali għadha ma ġietx adottata. Sabiex jiġu evitati nuqqasijiet u sabiex tiġi żgurata protezzjoni xierqa tad-data mibgħuta hemm bżonn li jiġi inkluż Kapitolu dwar il-protezzjoni tad-data f'din id-Deċiżjoni Qafas.

Emenda 29
Artikolu 22 a (ġdid)

Artikolu 22a

Protezzjoni tad-data

L-ipproċessar tad-data personali għall-iskop ta' din id-Direttiva Qafas għandu jikkonforma ma' dawn il-prinċipji bażiċi mill-inqas:

a) l-ipproċessar ta' data għandu jitwettaq biss sakemm hu permess mil-liġi, u jkun meħtieġ u proporzjonat għall-iskop tal-ġbir u/jew l-ipproċessar ulterjuri;

b) id-data għandha tinġabar biss għal skopijiet speċifikati u leġittimi u pproċessata ulterjurment b'mod komptaibbli ma' dawk l-iskopijiet;

c) id-data trid tkun preċiża u aġġornata;

d) kategoriji speċjali ta' data dwar oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi,

twemmin reliġjuż jew filosofiku, sħubija ma' partit jew trade-union, orjentazzjoni sesswali jew saħħa għandhom ikunu proċessati biss jekk ikunu assolutament meħtieġa għall-iskop ta' każ speċifiku u bi qbil ma' salvagwardji xierqa.

Ġustifikazzjoni

Id-Deċiżjoni Qafas dwar il-protezzjoni tad-data personali pproċessata fil-kuntest tal-pulizija u l-koperazzjoni ġudizzjarja f'affarijiet kriminali għadha ma ġietx adottata. Sabiex jiġu evitati nuqqasijiet u sabiex tiġi żgurata protezzjoni xierqa tad-data mibgħuta hemm bżonn li jiġi inkluż Kapitolu dwar il-protezzjoni tad-data f'din id-Deċiżjoni Qafas.

Emenda 30
Artikolu 22 b (ġdid)

Artikolu 22b

Drittijiet tas-suġġett ta' data

1. Is-suġġetti ta' data kollha għandhom jitgħarrfu dwar il-fatt li data personali dwarhom qed tiġi pproċessata.

Il-forniment ta' dak it-tagħrif jista' jiġi ttardjat fejn ikun hemm bżonn sabiex ma jixxekklux l-iskopijiet li għalihom qed tiġi pproċessata d-data.

2. Suġġett ta' data għandu jkollu d-dritt li jikseb, bla dewmien mhux xieraq, tagħrif dwar liema data qed tiġi proċessata b'lingwa li jifhem/tifhem, u kif ukoll biex jikkoreġi u, fejn ikun xieraq, iħassar data proċessata bi ksur tal-prinċipji msemmija fl-Artikolu 22a.

3. Il-forniment ta' tagħrif skond il-paragrafi 1 jew 2 jista' jiġi miċħud jew ittardjat, fejn strettament ikun hemm bżonn:
(a) biex jitħarsu s-sigurtà u l-ordni pubbliku;

(b) biex jitwaqqaf reat;

(c) sabiex ma jixxekklux l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali;

(d) biex jitħarsu d-drittijiet ta' terzi

persuni.

Ġustifikazzjoni

Id-Deċiżjoni Qafas dwar il-protezzjoni tad-data personali pproċessata fil-kuntest tal-pulizija u l-koperazzjoni ġudizzjarja f'affarijiet kriminali għadha ma ġietx adottata. Sabiex jiġu evitati nuqqasijiet u sabiex tiġi żgurata protezzjoni xierqa tad-data mibgħuta hemm bżonn li jiġi inkluż Kapitolu dwar il-protezzjoni tad-data f'din id-Deċiżjoni Qafas.

NOTA SPJEGATTIVA

Id-detenzjoni ta' qabel proċess legali għandha titqies bħala miżura eċċezzjonali li trid tkun ikkonfrontatastrettament mad-dritt għal-libertà, il-preżunzjoni ta' l-innoċenza[1]. M'għandha qatt tkun obbligatorja jew tintuża bħala kastig[2]. Għalhekk, fil-fażi ta' qabel il-proċess legali, għandu jsir l-aktar użu wiesa' possibbli tal-miżuri ta' sorveljanza li m'humiex kustodjali.

Il-miżuri ta' sorveljanza rigward l-alternattivi għad-detenzjoni qabel proċess legali fil-prinċipju għandhom biss l-għan li jwarrbu t-tliet perikli klassiċi li jwasslu għat-telfien tal-libertà (il-periklu li wieħed jaħrab, il-periklu tas-soppressjoni ta' l-evidenza u l-periklu li jerġgħu jseħħu l-offiżi).

F'zona komuni Ewropea ta' ġustizzja mingħajr fruntieri interni, jeħtieġ li jkun assigurat li persuna ssuspettata li m'hijiex residenti fl-istat fejn se jsir il-proċess ma tkunx ittrattata b'mod differenti minn persuna ssuspettata li hija residenti f'dak l-Istat.

Madankollu, bħalissa l-alternattivi differenti għad-detenzjoni qabel il-proċess legali ma jistgħux ikunu trasposti jew trasferiti minn pajjiż għall-ieħor minħabba li m'hemm l-ebda rikonoxximent reċiproku ta' dawk il-miżuri u m'hemm l-ebda strument internazzjonali li b'mod speċifiku jippermetti dan. Dan in-nuqqas ta' rikonoxximent reċiproku jxekkel il-ħarsien ġudizzjarju tad-drittijiet individwali.

Hemm riskju ċar ta' trattament mhux ugwali bejn iż-żewġ kategoriji - iċ-ċittadini ta' l-UE li m'humiex residenti fit-territorju ta' l-Istat Membru fejn huma ssuspettati li wettqu offiża kriminali u ċ-ċittadini ta' l-UE li huma residenti. Barra minn hekk, dan jista' jitqies ukoll bħala ostaklu għall-moviment ħieles tal-persuni.

Wara li qies dak li ssemma' hawn fuq, ir-rapporteur jappoġġja bil-qawwa l-ħtieġa ta' din il-proposta li se tippermetti rikonoxximent reċiproku ta' l-ordnijiet ta' sorveljanza ta' qabel proċess legali. Dan l-istrument iħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex ma jżommux lil min m'hux residenti mill-UE fi stadju ta' qabel proċess legali minħabba l-periklu li jaħarb imma jħalluhom imorru lura fl-Istat Membru fejn ikollhom ir-residenza legali u ordninarja attwali tagħhom.

Fil-fehma tar-rapporteur huwa importanti li tiġi ċċarata d-definizzjoni tar-residenza. Fid-dawl

---

[1]L-Artikolu 6(2) tat-Trattat UE jistabbilixxi li l-Unjoni għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (ECHR, 1950) u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, bħala prinċipji ġenerali tal-Liġi Komunitarja.
Id-drittijiet bażiċi jew il-libertajiet fundamentali li jiggvernaw id-detenzjoni qabel il-ġuri u l-alternattivi għal detenzjoni bħal din u li huma stabbiliti fl-ECHR, huma dawn li ġejjin:
- Art. 5(1) "kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u s-sigurtà tal-persuna";
- Art. 6(2) "kull min huwa mixli b'offiża kriminali għandu jitqies innoċenti sakemm tingħata prova tal-ħtija tiegħu skond il-liġi";
- Art. 5(1)c "l-arrest legali jew id-detenzjoni ta' persuna li jseħħ bil-għan li tittieħed quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li wettqet offiża jew meta jitqies li huwa raġonevolment meħtieġ li jkun evitat li titwettaq offiża jew li taħrab wara li tagħmel dan"

[2] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa, Rec(2006)13.

ta' l-għan tal-proposta, huwa vitali li t-tifsira tar-residenza ma tiġix limitata għal residenza "permanenti" li diġà hija parti mit-terminoloġija Komunitarja aċċettata sew. Madankollu għandu jkun iċċarat li ż-żjara ta' persuna fi Stat Membru rispettiv għandha tkun ta' natura legali u ordinarja. Il-fatt li r-residenza tkun ta' natura legali u ordinarja għandu jiġi stabbilit minn ċirkustanzi *de facto*.

Barra minn hekk, ir-rapporteur jipproponi li jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva Qafas u biex jinkludi l-eventwalità li persuna ssuspettata titlob lill-awtorità ta' emissjoni kompetenti biex tmur lura fi Stat Membru ieħor apparti l-Istat Membru ordinarju u legali tagħha. L-iktar, jista' jkun l-Istat Membru taċ-ċittadinanza tagħha f'sitwazzjonijiet fejn persuna taħdem fi Stat Membru ieħor.

Fil-fehma tar-rapporteur il-proposta tal-Kummissjoni biex jinħoloq mekkaniżmu speċifiku separat għat-trasferiment tal-persuni li jiksru l-ordni ta' sorveljanza Ewropea tista' tipperikola u tikkomplika s-sistema attwali ta' ċediment/trasferiment. L-effikaċja tas-sistema parallela għall-mandat ta' arrest Ewropew hija dubbjuża. Bħalissa hemm proċeduri ta' ċediment li tipprovdi għalihom id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri[1]. L-implimentazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew intemmet u diġà qed jintuża minn min hu fil-qasam. Il-mandat ta' arrest Ewropew qed tikseb dejjem aktar fiduċja fost min hu fil-qasam. Wieħed m'għandux jissottovaluta l-element ta' fiduċja fl-applikazzjoni ta' strument ta' rikonoxximent reċiproku. F'dan ir-rigward ir-rapporteur qed jipproponi li l-proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew jiġu aġġustati ma' l-ordni ta' sorveljanza Ewropea f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm ksur ta' l-ordni ta' sorveljanza Ewropea.

Attwalment il-mandat ta' arrest Ewropew ikopri atti li huma punibbli bil-liġi ta' l-Istat Membru ta' emissjoni minn sentenza kustodjali jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas 12-il xahar. Madankollu, meta jitqies l-għan tal-proposta dwar l-ordni ta' sorveljanza Ewropea, għandhom ikunu koperti r-reati kollha (mingħajr ma jiġi stabbiliti limitu minimu). Għalhekk, meta tkun qed tiġi applikata l-ordni ta' sorveljanza Ewropea, il-mandat ta' arrest Ewropew għandu jiġi estiż biex ikopri r-reati kollha.

Qabel ma jiġu introdotti emendi dettaljata għall-ordni ta' sorveljanza Ewropea fir-rigward ta' l-estensjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għar-reati kollha, għandhom isiru analiżijiet u konsultazzjoni fil-fond. Għalhekk, ir-rapporteur jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, li għandha r-riżorsi kollha meħtieġa, biex tirrevedi l-proposta dwar l-ordni ta' sorveljanza Ewropea u biex tintroduċi l-bidliet meħtieġa sabiex ikun hemm l-opportunità li jiġu applikati l-proċeduri ta' ċediment tal-mandat ta' arrest Ewropew. Jekk il-Kummissjoni Ewropea tqis li jkun hemm bżonn, ir-rapporteur jistiedinha biex tippreżenta l-bidliet meħtieġa għall-mandat ta' arrest Ewropew.

Strument ta' rikonoxximent reċiproku dejjem jinvolvu livell għoli ta' skambju ta' tagħrif sensittiv u privat. Għalhekk, hu importanti li wieħed jaħseb għall-protezzjoni tad-*data*. Ir-rapporteur jistieden il-Kunsill biex jadotta d-Deċiżjoni Qafas dwar il-protezzjoni ta' *data* personali proċessata fil-qafas tal-koperazzjoni bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji

[1] ĠU L 190, 18.7.2002, p.1.

f'affarijiet kriminali[1]. Madankollu, in-nuqqas attwali tad-Deċiżjoni Qafas hawn fuq imsemmija m'għandux inaqqas u jipperikola li jkun hemm livell xieraq ta' protezzjoni ta' *data.* Għalhekk ir-rapporteur qed jipproponi li fil-proposta jdaħħal artikoli speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-*data.*

[1] COM(2005)0475 - CNS 2005/0202